



L-Aġjar Prattiki fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija tal-prattika: Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Parteċipanti fit-Taħriġ u l-Effett tal-Attivitajiet ta' Taħriġ

Tip ta' Prattika: L-Aġjar Prattika

Istitut: L-Istitut Ewropew għall-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA)

Titlu tal-prattika	Evalwazzjoni wara t-taħriġ
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p>Għall-EIPA l-għan ta' din l-evalwazzjoni wara t-taħriġ jinqasam fi tlieta. Huwa jivvaluta fl-istess ħin:</p> <ul style="list-style-type: none">• Kemm il-parteċipanti kellhom l-opportunità li jużaw l-għarfien / il-kompetenzi miksuba waqt it-taħriġ• Kemm l-għarfien / kompetenzi miksuba għenuhom fil-prestazzjoni ta' xogħolhom ta' kuljum b'mod iktar effiċjenti• Jekk it-taħriġ li attendew jistax jittejjeb. <p>Din l-evalwazzjoni wara t-taħriġ normalment issir xahrejn jew erba' xhur wara t-taħriġ u jsir l-iktar permezz ta' għodda ta' stħarriġ fuq l-internet. F'każ li l-għadd ta' tweġibiet miksuba b'dan il-mod jibqa' inqas mill-istandard mitlub, isiru intervisti telefoniċi biex ikun hemm feedback iktar approfondit.</p> <p>Minbarra l-għan ewlieni tiegħu – il-kontroll u t-titjib tal-kwalità tat-taħriġ – dan il-metodu jintuża wkoll biex jiġu identifikati bżonnijiet ta' taħriġ attwali u oħrajn potenzjali għall-quddiem u biex jiġu żviluppati servizzi ġodda ta' taħriġ.</p>
<i>Detalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni</i>	<p>European Institute for Public Administration (EIPA) 2 Circuit de la Foire Internationale 1347, Luxembourg Luxembourg Telefown: + 352 426 230-1 Faks: + 352 426 237</p>

	Email: info-lux@eipa.eu Sit elettroniku: http://www.eipa.nl/en/antenna/Luxembourg
<i>Kummenti oħrajn</i>	<p>Is-sistema ta' hawn fuq tikkomplementa l-mekkaniżmu deskritt taħt it-titlu Valutazzjoni tal-Bżonnijiet ta' Taħriġ u ġiet introdotta bħala prattika ta' evalwazzjoni wara t-taħriġ.</p> <p>Hija tagħmel il-Livell 3 tal-mudell ta' evalwazzjoni tat-taħriġ ta' Kirkpatrick. Hija wkoll eżempju tajjeb ta' interkonnnessjoni bejn il-valutazzjoni tal-bżonnijiet ta' taħriġ u l-evalwazzjoni tat-taħriġ. Tista' titqies bħala L-AĦJAR PRATTIKA u t-trasferibilità tagħha hija rakkomandata.</p>

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prattiki fit-taħriġ ta' mħallfin u prosekuturi*", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)